

It-Tlieta, 16 ta' Diċembru 2008

Protezzjoni kontra l-iffalsifikar tal-euro *

P6_TA(2008)0588

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-abbozz tar-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1338/2001 li jistabbilixxi l-miżuri necessaryi għall-protezzjoni kontra l-iffalsifikar tal-euro (14533/2008 — C6-0395/2008 — 2007/0192A(CNS))

(2010/C 45 E/24)

(Proċedura ta' konsultazzjoni — konsultazzjoni mgħedda)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (14533/2008),
 - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0525),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2008 (¹),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 247(3) tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0395/2008),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 51, 43(1) u 55(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0499/2008),
1. Japrova l-abbozz tal-Kunsill;
 2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-abbozz b'mod sustanzjali jew li jibdu b'test ġdid;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

(¹) Testi Adottati, P6_TA(2008)0280.

Protezzjoni tal-euro mill-iffalsifikar għal dawk l-Istati Membri li m'adottawx il-euro bħala munika tagħhom *

P6_TA(2008)0589

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1339/2001 li jestendi l-effetti tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001 li jistabbilixxi l-miżuri necessaryi għall-protezzjoni tal-euro mill-iffalsifikar għal dawk l-Istati Membri li m'adottawx il-euro bħala munika tagħhom (14533/2008 — C6-0481/2008 — 2007/0192B(CNS))

(2010/C 45 E/25)

(Proċedura ta' konsultazzjoni — Konsultazzjoni mgħedda)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kunsill (14533/2008),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0525),

It-Tlieta, 16 ta' Diċembru 2008

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2008 (¹),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 308 tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0481/2008),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 51, 43(1) u 55(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0503/2008),
1. Japrova l-abbozz tal-Kunsill;
 2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li jibdilha b'test ġdid;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

(¹) Testi Adottati, P6_TA(2008)0280.

Salvagwardji meħtieġa minn kumpanniji bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti (verżjoni kodifikata) *I**

P6_TA(2008)0590

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpaniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 48 tat-Trattat, dwar il-formazzjoni ta' kumpaniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jaġħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti (verżjoni kodifikata) (COM(2008)0544 — C6-0316/2008 — 2008/0173(COD))

(2010/C 45 E/26)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni — kodifikazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0544),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 251(2) u 44(2)(g) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0316/2008),
- wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 — Metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċċjali ta' testi leġiżlattivi (¹),

(¹) ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.